# ***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***

## **RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV**

**Jannar – Diċembru 2013**

# ***WERREJ***

1. Introduzzjoni mis-Sindku

2. Il-Kunsill

3. Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

4. Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq

5. Dikjarazzjoni ta’ Rikonċiljazzjoni mal-Bank

6. Rapport ta’ l-Awdituri u l-‘Financial Statements’

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija matul is-sena 2013.

Il-Kunsill Lokali Xewkija huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Issa se nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-Kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill għandu l-kuntratt għat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi. It-tindif tat-toroq mhux urbana qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill tal-iskema ex WSC u tal-iskema tal-ETC. Il-Ġbir ta' Skart Goff qed isir mill-Kuntrattur GV Gozo Developments Ltd. Il-Kunsill jara biex fejn jista' jtejjeb dawn is-servizzi speċjalment fit-tindif tat-toroq mhux urbani. Fl-istess toroq il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' livellar ta' toroq bit-torba.

Il-Kuntratt għal Tindif tat-Toroq Urbani huwa responsabbli minnu l-kuntrattur Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill dejjem jistinka biex jara aktar indafa fir-raħal u għalhekk dejjem jieħu l-passi meħtieġa biex jara li l-Kuntrattur jagħmel dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn.

Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku jsir mill-Koperattiva Għall-Indafa Pubblika (Għawdex). Kul nhar ta' Tlieta, issir il-ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kunsill rega daħal fi ftehim mal-kumpanija Greenpak li minn naħa tagħha qed tbattal u tnaddaf il-Bring in Sites li għandna fi Triq Widnet il-Baħar, Triq Ħġejjeġ, Triq Ta' Ġokk u fi Pjazza tal-Barmil. Matul l-aħħar xahar ta' din is-sena bil-koperazzjoni ta' Greenpak u l-ghaqdiet tax-Xewkija inqassmu boroż ħodor (tal-Greenpak) lir-residenti kollha tax-Xewkija biex dawn jibdew jitfgħu l-iskart riċiklabbli fihom.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll minn Ġnien il-Kunsill, Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere, il-'Playing Field' ta' Triq Tal-Ħamrija, 'round abouts/soft areas' u Ġnejnet it-Tfal. Ix-xogħlijiet f'dawn il-ġonna qed isiru mill-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ex WSC kif ukoll tal-iskema tal-ETC. L-istess ħaddiema jagħmlu xogħol ieħor li jkun hemm bżonn li jsir bħal per eżempju l-'patching' tat-toroq. Għalkemm il-Kunsill mhux kuntent bil-'patching' tat-toroq u jixtieq li jinksew aktar toroq bit-tarmak, kulħadd jifhem li ma tistax ma tippeċċjax il-ħsara li ssir fit-toroq speċjalment fix-xhur tax-xitwa għax inkella t-toroq jispiċċaw fi stat ħażin.

Saru diversi toroq taħt l-iskema tal-PPP fejn f' l-ewwel batch saru it-toroq:- Triq Keraba, Trejqet Keraba, Triq San Duminku, Triq is-Salib Imqaddes u Triq Sant Indrija. Fit-Tieni batch saru Triq Arcipriet Grech, Triq Indri Borg u Triq l-Għarus. F'din is-sena tlestit Triq San Elija u inbeda x-xogħol issa fuq Jean de la Vallette.

Il-Kunsill kompla nstalla diversi lampi ġodda madwar ir-raħal. Il-Kunsill jirċievi diversi talbiet biex jiġu nstallati lampi ġodda f'żoni fejn għadhom mudlama. Peress li d-dwal tat-toroq ġew devoluti lill-Kunsilli, il-Kunsill irid jipproċessa u jħallas biex jeħlu dawn il-lampi l-ġodda. Pero ta' min jgħid li lampi ġodda f'toroq arterjali huma responsabbli minnhom il-Ministeru Għal Għawdex u t-Transport Malta. Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tal-bozoz li hawn madwar ir-raħal tagħna. Il-Kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol huwa Richard Cauchi. Il-bozoz li huma mwaħlin ma' arblu jew li jinsabu f'xi triq arterjali għadhom taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz issir mill-Korporazzjoni Enemalta.

Bl-għajnuna tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini, matul is-sajf 2013, fl-istess Wied ta' Mgarr ix-Xini tkompla l-iskavar li kien inbeda fis-snin ta' qabel. Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u tax-Xewkija flimkien ħadmu biex issir l-iskav arkeoloġiku. Dan ix-xogħol sar bil-koperazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u l-Istudji Klassiċi fi ħdan l-Universita' ta' Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Il-Kunsill kompla b'ħidma kontinwa mal-Perit u entitajiet koncernati biex jinħargu l-permessi neccessarji għal-Progetti taħt il-Mizura 313 u l-Fondi ta' l-Eco Gozo. Dawn l-imsemmija progetti ser jitkomplew fil-Gnien ta' Blankas fejn ga inbeda x-xoghol ta' *interpretation centre* u sar ukoll it-tindif fil-Gnien. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-permessi tal-MEPA fuq il- *Public convenience* u l-Girna taħt il-Mizura 313. Taħt il-fondi tal-Eco Gozo il-Kunsill għamel il-ħitan tas-sejjieh u ser jitkompla x-xogħol ta' signage u bankijiet madwar l-imsemmi gnien.

Tkompla ix-xogħol fuq il-Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista fejn il-kunsill kien applika taħt skema 'Accessibilita Aħjar' u ingħata l-amount ta' 6,500 fuq dan il-Progett.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn għar-residenti kollha tax-Xewkija minn tlett postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill, mil-Librerija Pubblika u anke mill-Pjazza San Ġwann Battista. Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-Librerija Pubblika qed tinżamm miftuħa għal aktar ħin u l-Kunsill qed iħallas għas-servizz tal-Librara.

Fil-pjazza kif ukoll madwar il-monument ta' San Ġwann Battista li għandna fi Triq Widnet il-Baħar ħadna ħsieb li kull staġun nħawlu fjuri ġodda u b'hekk nagħtu dehra isbaħ lil dawn il-postijiet. Barra li jixtri u jħawwel ix-xtieli l-Kunsill jieħu ħsieb it-tisqija li jkun hemm bżonn matul ix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena l-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet fi żmien il-Karnival. Ma jonqsux il-kompetizzjonijiet għall-aħjar kostumi u karrijiet. Saret l-isfilata bil-karrijiet immexxija minn Banda Prekursur, serata fejn kienu mistiedna kumpaniji taż-żfin bil-kostum, karrijiet u maskri grotteski u serata oħra fejn saret il-kummittiva u l-kukkanja. Matul il-ħamest ijiem tal-Karnival kien hemm ukoll il-Karnival tradizzjonali, dak spontanju bis-sehem ta' daqqaqa bi strumenti tradizzjonali. Il-Kunsill għamel applikazzjoni taħt l-iskema tal-attivitajiet li ġiet aċċettata u permezz tagħha ingħata għajnuna ta' €2,000. mis-Segretarju Parlamentari ghal Kultura u Gvern Lokali, Ministeru ghal Ghawdex u Visit Malta li għenu sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-Karnival.

Giet organizzata l- ħarġa għall-anzjani ta' l-Ghid. L-anzjani jittieħdu jaraw diversi Knejjes madwar Għawdex u wara l-ħarġa jkunu mistiedna għall-ikla fejn anke tiġi organizzata t-tombla.

F’April, fil-Muzew tal-Iskultura, ġiet organizzata serata mużikali bis-sehem ta’ Gaulitana. Kien hemm prezenti soprana Germaniza Katharina M. Kagel bis-sehem tal-Kor Gaulitana u bil-koperazzjoni ta’ Mro Colin Attard.

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Kunsill Lokali tax-Xewkija flimkien ma' l-Għaqda Drammatika Xewkija tellgħu id-Dramm Il-Fidwa fil-Gnien ta’ Blankas. Din ir-rapprezentazzjoni kienet ta’ success kbir u hafna nies marru jarawha.

Giet organizzata l-ħarġa għall-anzjani ta’ Jum l-Omm. L-anzjani jittieħdu quddiesa u wara l-ħarġa kienu mistiedna għall-ikla ir-Ramla fejn giet organizzata t-tombla.

Il-Kunsill organizza diversi korsijiet matul is-Sajf 2013 fosthom Ingliż, Malti, Matematika, Story Telling, Paper Crafts, Sugar Crafts u Kinder 1 u Kinder 2.

It-Tielet edizzjoni ta’ Fiori D’Argenta 2013 kienet ta’ success kbir. Din l-attivita fuq tlett ijiem 14, 15, 16 ta’ Gunju 2013 li kienet tikonsisti f’muzika, zfin, artigjanant, Storja, Spettaklu, Kultura, Tradizzjonijiet, Folklor, Drama, loghob ghat-tfal, Sahtek l-ewwel, l-akbar torta tal-bajtar ta’ San Gwann, wirja tal-falkuni, Wirja tal-Vetturi Antiki u Klassici, Hands on crafts ghat-tfal u hafna aktar. Mistidna specjali kienu Gianluca, Melanie Zammit, The Run, Cash and Band, u Alfie Fabri. Il-Kunsill għamel applikazzjoni taħt l-iskema tal-attivitajiet li ġiet aċċettata u permezz tagħha ingħata għajnuna ta’ €3,000 mis-Segretarju Parlamentari ghal Kultura u Gvern Lokali, Ministeru ghal Ghawdex u Visit Malta li għenu sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-Fiori d’Argenta. F’din l-attivita’ hadu sehem l-Ghaqda tan-Nar u x-Xewkija Tigers b’ikla tradizzjonali. Fil-Kazin tal-Banda Prekursur kien hemm ukoll wirja ta Mattia Preti. Kien hemm ukoll defile taz-zwiemel bis-sehem tal-Mosta Scouts.

Il-Program Muzikali tal-festa tal-Banda Prekursur li sar għal l-ewwel darba bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Fl-okkażżjoni tal-festa ta’ San Ġwann Qtugħ ir-Ras, il-Kunsill organizza l-ħuġġieġa ta’ San Ġwann bis-sehem tal-Banda Prekursur. Din kienet is-sitt sena konsekuttiva li l-Kunsill organizza din l-attivita u b’hekk din it-tradizzjoni fix-Xewkija qed terġa’ tingħata l-ħajja. Saret Fun Run fejn sar prezentazzjoni tal medalji lil dawk li ħadu sehem. Il-Kumitat tal-Armar organizzaw ikla tradizzjonali ukoll fil-Pjazza San Gwann Battista fejn għat-tieni sena ingħata l-Premju Ħidmet iz-Zgħazagħ. Dan il-Premju nghata lil Keith Hili u l- Kumitat Zgħazagħ Brijuzi li hadu l-istess punti.

Ta’ kull sena f’Novembru il-Kunsill qed ifakkar Jum ix-Xewkija billi nieħdu sehem fil-quddiesa u jsiru kompetizzjonijiet għall-istudenti tal-iskola primarja. Saru wkoll attivitajiet sportivi fosthom tournament tal-Football. Gie organizzat ukoll il-programm mużikali mill-Banda Prekursur. Waqt l-istess attivita ngħata wkoll il-Premju Ġieħ ix-Xewkija li din is-sena ntrebaħ minn Louis Vella, li hu l-President tal-Banda Prekursur. Waqt is-serata kien hemm fashion show fejn kull participant inghata certifikat ta’ participazzjoni. Din is-sena gie inawgurat monument tal-gwerra dedikat għal dawk kollha li tilfu ħajjiethom fil-gwerra. Prezenti għal kxif ta’ dan il-monument tal-gwerra kien il-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo u l-Arc. Mons. Carmelo Mercieca flimkien mal-kunsilliera u qraba ta’ dawk li tilfu ħajjiethom fil-gwerra. Għal-ewwel sena l-Kunsill organizza l-attivita’ Wild West 2013. Din l-attivita’ kienet tikonsisti fi zfin, ikel u loghob *Western*. Kien hemm ukoll horse riding u Calypso Trains Tours. F’din l-attivita hadu sehem l-Għaqda Drammatika Xewkija u Għaqda Armar Xewkija. Il-Kunsill sab għajnuna ukoll finazjarju mingħand il-Ministeru għal Għawdex u l-HSBC. Gie

ippublikat u tqassam id-*drawing book* fuq ix-Xewkija għal year 3 u 4 lit-tfal li huma mix-Xewkija u li jattendu skola Primarja x-Xewkija u skejjel oħra barra mix-Xewkija. Dan il-ktieb kien xogħol u ricerka min Dr Raymond Xerri u pittura ta' Paul Falzon.

Fi żmien il-Milied 2013 il-Kunsill organizza ħarga għat-tfal kollha mix-Xewkija. Tiġi organizzata ukoll ħarġa għall-anzjani. L-anzjani jittieħdu jaraw diversi presepji madwar Għawdex u wara l-ħarġa jkunu mistiedna għall-ikla fejn anke tiġi organizzata t-tombla. Il-Kunsill ħa ħsieb biex għal darb'oħra jagħmel it-tiżjin tal-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista.

Il-Kunsill organizza wkoll attivitajiet sportivi għal kull eta'. Sezzjonijiet sportivi li ġew organizzati matul is-sena 2013 'Schools on the move' li huma mmirati għat-tfal tal-iskola, General Fitness u Aerobics li dawn kienu immirati aktar għal dawk l-adulti li ma jipprattikawx xi sport ieħor. Dawn il-korsijiet setgħu jsiru bil-koperazzjoni tal-Ministeru ghall-Intern, il-Kunsill Malti Għall-Isports (KMS) u tas-Segretarjat Parlamentari Għaż-Żgħażagħ u Sport. Dawn il-korsijiet u oħrajn ser jerġgħu jsiru matul is-sena 2014 wara li l-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar l-iskema tal-isports ġiet aċċettata.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**Paul Azzopardi**
**Sindku**

## 2.0 Il-Kunsill

***Il-Kunsill kien iffurmat hekk f'2013 :-***

**Jannar-Marzu 2013 (Is-Sitt Kunsill)**

| | |
|---|---|
| Sindku | Dr Monica Vella |
| Viċi Sindku | Joseph Vella |
| Kunsillier | Teddy Mizzi |
| Kunsillier | Dr Marthese Portelli |
| Kunsillier | Hubert Saliba |

**April-Dicembru 2013 (Is-Seba' Kunsill)**

| | |
|---|---|
| Sindku | Paul Azzopardi |
| Vici Sindku | Dr Monica Vella |
| Kunsilliera | Jeanelle Attard |
| Kunsillier | George Zammit |
| Kunsillier | Domenic Zerafa |
| Ambaxxatrici tal-Vot 16 | Sinjurina Kristy Sciberras |
| Segretarju Eżekuttiv | Sue-Ellen Bugeja |
| Asst. Prinċipal | Mary Haber |
| Ħaddiem 'attached' | Michael Buttigieg |
| Ħaddiema - (eks WSC) | Bernardette Vella<br>Martin Grima<br>Mario Zammit |
| Skema Persuni b'dizabilita' | Joseph Borg |

Is-Seba Kunsill Lokali tax-Xewkija ġie elett f'Marzu 2013.

## 3.0 Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

### *Organizzazjoni*




### *Attivitajiet Ġenerali*

Matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Lokali tax-Xewkija kompla bil-ħidma tiegħu għal ġid tax-Xewkija.

Fil-fatt il-Kunsill kompla bil-kuntrattti li kellu u ħareg kuntratti ġodda jew ġedded il-kuntratti li kienu se jgħalqu biex ikun jista' iwettaq il-ħidma tiegħu skond il-liġi tal-Kunsilli.

.

Il-Kunsill jirċievi diversi lmenti minn għand ir-residenti. Ħafna drabi l-ilmenti ikunu ġustifikati. Il-Kunsill jieħu nota tal-ilmenti kollha u dawk l-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tiegħu jiġu ttrattati fl-iqsar żmien possibbli. Ħafna mill-ilmenti ma jkunux responsabilta' tal-Kunsill. Dawn kollha jitwasslu lill-Awtoritajiet konċernati permezz tas-sistema komjuterizzata tal-Customer Care.

Il-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet oħra, iżda minbarra dawn il-Kunsill huwa impenjat sabiex ikabbar il-kalendarju kulturali u soċjali ta' dan ir-raħal. Il-Kunsill qed ikun sodisfatt bl-attivitajiet li jorganizza peress li minn sena għal oħra l-pubbliku qed jattendi aktar għall-attivitajiet. Dan jagħmel kuraġġ biex il-Kunsill ikompli b'dawn l-attivitajiet.

Dawn huma wħud mill-attivitajiet li organizza l-Kunsill matul is-sena li għaddiet:-

1. Karnival 2013
2. Ħarga Anzjani fl-Ghid
3. Gaulitana
4. Fidwa 2013
5. Ħarga Anzjani f'Jum l-Omm
6. Fiori D'Argenta 2013 (Tlett ijiem t'attivitajiet ta' Kultura, drama, muzika etc.) u Defile biż-żwiemel
7. San Ġwann Qtugħ ir-Ras
8. Jum ix-Xewkija 2013 li jinkludi diversi attivitajiet fosthom tournament tal-football għat-tfal, Premju Ġieh ix-Xewkija, Kunċert Mużikali, Kompetizzjoni għall-istudenti.
9. Ħarġa u ikla għall-Anzjani fi żmien il-Milied, l-Ghid u Jum l-Omm
10. Ħarga għat-tfal fi żmien il-Milied

Tajjeb li wieħed isemmi ukoll id-'Day Care Centre' li jinsab f'Għajnsielem u li fih jattendu kull nhar ta' Tlieta anzjani mix-Xewkija flimkien ma' anzjani minn rħula oħra.

Il-Kunsill huwa sodisfatt bix-xogħol li qed iwettaq u ser ikompli jaħdem biex fis-snin li ġejjien ikun jista' iwettaq aktar xogħol importanti fix-Xewkija.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Eżekuttiv

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati tad-Dhul u l-Infiq

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2013 ATTWALI Euro** | **2013 ESTMI Euro** | **2012 ATTWALI Euro** | **VARJANZA ATTWALI/ ESTMI Euro** | **VARJANZA ATTWALI Euro** |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 337,656.43 | 318,000.00 | 322,211.71 | 3,813.37 | (398.34) |
| 0020 | Kontravenzjonijiet | 9,610.28 | 8,500.00 | 9,964.37 | 6,564.93 | 5,100.56 |
| 0090 | L-Investiment | 813.22 | 600.00 | 849.36 | 213.22 | (36.14) |
| 0100 | Generali | 81.30 | | 135.00 | 81.30 | (53.70) |
| | **TOTAL** | **348,161.23** | **327,100.00** | **333,160.44** | **10,672.82** | **4,612.38** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 69,451.25 | 72,250.00 | 69,922.02 | 3,873.17 | 1,545.19 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 290,492.71 | 206,800.00 | 206,199.20 | (79,151.83) | (79,752.63) |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 282,589.87 | 65,000.00 | 18,972.06 | (295,317.20) | (341,345.14) |
| | **TOTAL** | **642,533.83** | **344,050.00** | **295,093.28** | **(370,595.86)** | **(419,552.58)** |
| | **Bilanc** | **(294,372.60)** | **(16,950.00)** | **38,067.16** | **(359,923.04)** | **(414,940.20)** |

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dhul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI Euro | 2013 ESTMI Euro | 2012 ATTWALI Euro | VARJANZA ATTWALI - ESTMI Euro | VARJANZA ATTWALI Euro |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 314,063.99 | 318,000.00 | 317,999.71 | (3,936.01) | (3,935.72) |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publici/Governattivi | | | 4,212.00 | | (4,212.00) |
| 0015 | Hwejjeg Ohra | 23,592.44 | | | 7,749.38 | 7,749.38 |
| | | **337,656.43** | **318,000.00** | **322,211.71** | **3,813.37** | **(398.34)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 5,396.00 | 1,500.00 | 1,825.28 | 9,303.50 | 8,978.22 |
| 0036 | Kontravenzjonijiet | 1,284.96 | 1,500.00 | 1,882.73 | (215.04) | (597.77) |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | 310.00 | | 130.00 | 310.00 | 180.00 |
| 0066 | Generali | 2,619.32 | 5,500.00 | 6,126.36 | (2,833.53) | (3,459.89) |
| | | **9,610.28** | **8,500.00** | **9,964.37** | **6,564.93** | **5,100.56** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 813.22 | 600.00 | 849.36 | 213.22 | (36.14) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **813.22** | **600.00** | **849.36** | **213.22** | **(36.14)** |
| **0100** | **Generali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 81.30 | | 135.00 | 81.30 | (53.70) |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | | |
| | | 81.30 | | 135.00 | 81.3 | (53.70) |
| | **TOTAL** | **348,161.23** | **327,100.00** | **333,160.44** | **10,672.82** | **4,612.38** |

**Note:**

Dhul tal-Gvern – Hwejjeg ohra jikkonsisti minn:

| | Eur |
|---|---|
| Library Scheme | 249.38 |
| Commitment Mgarr ix-Xini | 2,300.00 |
| Commitment Western Nights | 200.00 |
| Skema kulturali 2013 | 2,000.00 |
| Skema Fiori d'Argento 2013 | 3,000.00 |
| Wasteserv Ltd | 9,638.71 |
| Skema sports 2013 | 407.50 |
| Sports activity 2012, 2013 | 3,274.87 |
| Joseph Borg - reimbursement of salary | 2,521.98 |
| | 23,592.44 |

# 4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2013 ATTWALI Euro** | **2013 ESTMI Euro** | **2012 ATTWALI Euro** | **VARJANZA ATTWALI/ ESTMI Euro** | **VARJANZA ATTWALI Euro** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,452.79 | 6,850.00 | 5,412.00 | 221.21 | (1,216.79) |
| 1110 | Allowance tas-Sindku u Kunsilliera | 6,380.00 | 9,300.00 | 5,800.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 51,168.47 | 49,500.00 | 49,192.00 | 1,091.97 | 783.97 |
| 1300 | Bonus | 719.23 | 1,700.00 | 1,695.02 | 980.77 | 975.79 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | 500.00 | | 500.00 | |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Socjali | 4,730.76 | 4,400.00 | 4,357.04 | (2,240.78) | (2,283.74) |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | | | 3,465.96 | | 3,465.96 |
| 1700 | Sahra | | | | | |
| | | **69,451.25** | **72,250.00** | **69,922.02** | **553.17** | **1,725.19** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 13,162.97 | 10,500.00 | 10,561.07 | (2,662.97) | (2,601.90) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,376.69 | 2,000.00 | 2,000.59 | (1,376.69) | (1,376.10) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 46,270.19 | 25,600.00 | 25,593.97 | (5,113.82) | (5,119.85) |
| 2400 | Kera | 3,582.81 | 400.00 | 374.84 | (3,182.81) | (3,207.97) |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 750.75 | 300.00 | 200.00 | (450.75) | (550.75) |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 5,341.20 | 7,000.00 | 6,743.59 | 1,658.80 | 1,402.39 |
| 2700 | Trasport | 4,766.28 | 1,000.00 | 1,040.86 | (3,766.28) | (3,725.42) |
| 2800 | Safar u vvjaggar | | 1,000.00 | | 1,000.00 | |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 3,688.34 | 2,000.00 | 1,814.08 | (1,688.34) | (1,874.26) |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 120,381.37 | 92,000.00 | 91,554.06 | (40,487.38) | (40,933.32) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 27,955.65 | 15,000.00 | 14,624.49 | (12,134.31) | (12,509.82) |
| 3200 | Tahrig | 60.00 | 200.00 | 190.00 | 200.00 | 190.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 60,991.65 | 49,000.00 | 47,932.56 | (11,782.47) | (12,849.91) |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 164.81 | 800.00 | 3,569.09 | 635.19 | 3,404.28 |
| | | **290,492.71** | **206,800.00** | **206,199.20** | **(79,151.83)** | **(79,752.63)** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 173,969.30 | 25,000.00 | 7,908.64 | 25,000.00 | 7,908.64 |
| 7200 | Titjib | 1,891.65 | 5,000.00 | 178.05 | 3,792.08 | (1,029.87) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 731.00 | 10,000.00 | 9,551.00 | 9,269.00 | 8,820.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 105,997.92 | 25,000.00 | 1,334.37 | (333,378.28) | (357,043.91) |
| | | **282,589.87** | **65,000.00** | **18,972.06** | **(295,317.20)** | **(341,345.14)** |
| | **TOTAL** | **642,533.83** | **344,050.00** | **295,093.28** | **(373,915.86)** | **(419,372.58)** |

## 5.0 Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank

Prepared by: Xewkija Local Council
Reconciliation Output : Cash Book 1 - 5000/000 - **BOV Current Account 2013**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €0.54 | |
| Less Outstanding CB 1 Payments : | | |
| Sub Total | €21,217.17 | CR |
| Plus Outstanding CB 1 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €21,216.63 | CR |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2013 | €21,216.63 | CR |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: Xewkija Local Council
Reconciliation Output : Cash Book 3 - 5003/000 - **BOV Savings Account 2013**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €205,195.99 | |
| Less Outstanding CB 3 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| Plus Outstanding CB 3 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €205,195.99 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2013 | €205,195.99 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: Xewkija Local Council
Reconciliation Output : Cash Book 6 - 5004/000 - **BOV Measure 313 Account 2013**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €15,432.48 | |
| Less Outstanding CB 6 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| Plus Outstanding CB 6 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| Reconciled Bank Balance | €15,432.48 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2010 | €15,432.48 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

## 5.0 Dikjarazzjoni ta’ Rikonċiljazzjoni mal-Bank (tkompli)

Prepared by: Xewkija Local Council
Reconciliation Output : Cash Book 5 - 5010/000 - **Petty Cash Account 2013**

| | | |
|---|---|---|
| Closing Balance As Per Bank Statement | €109.89 | |
| | | |
| Less Outstanding CB 5 Payments : | | |
| Sub Total | €0.00 | CR |
| | | |
| Plus Outstanding CB 5 Receipts : | | |
| Sub Total | €0.00 | DR |
| | | |
| Reconciled Bank Balance | €109.89 | |
| Computer Bank Balance As At 31/12/2013 | €109.89 | |
| Diff | €0.00 | |

------------------------------ End of Report ------------------------------

## 6.0 Rapport tal-Awdituri u l-'Financial Statements'

**Xewkija Local Council**

**Financial Statements**

**For the period**

**1 January 2013 – 31 December 2013**